MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2005

Avviz Numru. 646/2002

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Martin Bartolo u l-istess Martin Bartolo**

**Vs**

**Anthony Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici nomine Lm1970.09 danni lil Untours Insurance Agents Ltd noe u Lm250 danni lil Martin Bonello previa dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghal incident stradali li sehh il-Gzira fl-10 ta' Frar 2002 bejn Toyota nuru DBG 822 ta' Martin Bartolo u Ford Transit numru IAE 547 misjuqa mill-konvenut.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 15 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 21 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma' garax tort u htija tal-esponenti, izda gara tort ta' Daniel Bartolo, is-sewwieq tal-vettura numru DBG 822, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi ghal kull bon fini u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva illi d-danni pretizi mill-atturi huma ghal kollox ezagerati u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza.
3. Salve eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet (fol 56 u fol 57 ibid).

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun li l-ewwel nett issir referenza ghax-xhieda ta' ex-PS 441 Louis Micallef (fol 44 u fol 45) u ghall-kopja tar-rapport u skizz redatti mill-istess fizzjal tal-Pulizija. Mill-istess skizz maghmul b'mod altament professjonali u skond kif tirrekjedi l-arti u s-sengha, wiehed jista' jara l-lokalita' ta' dan l-incident ossija l-inkrocju li hemm f'Rue D'Argens ma Triq tas-Sliema fil-Gzira, f'liema post il-fluss tat-traffiku hu regolat permezz ta' "traffic lights' fl-erba' nahat tat-triq. Mill-istess skizz jidhru z-zewg vetturi involuti f'dan l-incident cjoe dik misjuqa mit-tifel tal-attur, Daniel Bartolo, bin-numru DBG 822 u l-ohra misjuqa mill-konvenut bin-numru IAE 547. Kif jidher mill-imsemmi rapport (fol 48 ibid) Daniel Bartolo kien stqarr illi kien qed isuq mid-direzzjoni tal-Msida lejn

Tas-Sliema u kif wasal fl-imsemmi salib it-toroq, id-dawl tat-traffiku f'Rue D'Argens u qabel dan l-inkrocju kien juri l-ahdar u ghalhekk baqa jsuq izda, meta "… gejt f'salib it-toroq, il-vettura l-ohra …. qasam minn naha tal-lemin tieghu …. imblukkali t-triq u sar l-impatt". Da parti tal-konvenut dan stqarr illi kif wasal vicin id-dwal tat-traffiku fi Triq Sliema sabiex jaqsam Rue d' Argens u jkompli lejn San Gwann u kien madwar tlett metri boghod mill-istess dwal, hu kien ra l-istess dwal kienu qalbu minn ahdar ghal' amber' u "… peress li kont fuq il-'gear' bqajt insuq normali. Malli qsamt f'salib it-toroq il-vettura l-ohra laqtitni fin-nofs u wara".

L-istess Fizzjal tal-Pulizija kompla biex jispjega illi meta dwal tat-traffiku jkun 'amber' jew orangjo, l-ohrjan, f'dan il-kaz f'Rue d'Argens, 'jkun(u) ghandhom fuq l-ahmar" u sabiex il-kulur jaqleb minn 'amber' ghal ahmar, jkun hemm spazju ta' hin ta' hmistax-il sekonda.

Ikkunsidrat

Illi Daniel Bartolo meta xehed f'dawn il-proceduri (fol 27 u fol 28 ibid) waqt li, fis-sustanza, kkonferma dak li kien stqarr 'a caldo' wara dan l-incident, qal li meta wasal vicin id-dwal il-kwistjoni f' Rue d'Argens, dawn kienu homor "…. U kif saru hodor jien komplejt miexi" Hu semma ukoll li bejn l-istess dwal u l-inkrocju msemmi hemm certa distanza u li meta kien ghadu wieqaf, ma kien hemm ebda vettura ohra bejn dik misjuqa minnu u l-istess dwal (ara ukoll ix-xhieda ta' Angela Farrugia a fol 30 u fol 31 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu, kompla jsostni illi hu kien gej mid-direzzjoni tal-Gzira lejn "… fejn hemm it-traffic lights ta' Marshall Court…" sabiex jaqsam Rue d'Argens. Kif avvicina dawn id-dwal, ra li kienu hodor izda meta wasal "…. vicin taghhom…..", il-kulur qaleb minn ahdar ghal 'amber' u dan meta kien " ….. il-boghod madwar ghaxar (10) piedi". Hu ghalhekk kompla jsuq u "… kif qbist is-salib it-toroq, karozza ohra dahlet go fija fuq in-naha ta' wara tax-xellug".

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi, ghandu jigi notat is-segwenti:-

a) Ma ngiebet ebda prova, illi d-dwal tat-traffiku f’Rue d’Argens u dawk fi Sliema Road, ma kienux gew kalibrati kif suppost jew sinkronizzati b’mod hazin bejniethom.
b) Kif jidher a fol 56 u fol 57 saret referenza ghal sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) decisa fil-25 ta’ Jannar 2002 fl-ismijiet “Salvu Cutajar vs Alfred Vella”. Din il-Qorti qrat u esaminat is-sentenza citata u rat li dak miktub fil-paragrafu disgha (9) tas-sentenza citata jista’ jkun rilevanti ghal-kaz in esami billi l-Qorti ghamlet referenza ghal prudenza fis-sewqan.

F’dan il-kaz, l-istess konvenut xehed illi kif kien qed javvicina id-dwal tat-traffiku quddiemu u kien il-boghod minnhom madwar ghaxar (10) piedi ossija tlett (3) metri l-istess dawl kien bidel minn ahdar ghal ‘amber’. Hawnhekk il-konvenut, kif xehed hu stess, baqa’ jsuq il-quddiem u qasam Rue d’Argens sabiex jmur permezz ta’ Triq Sliema lejn San Gwann. Fil-fehma tal-Qorti, kien jkun prudenti da parti tal-istess konvenut tenut kont ukoll illi fil-lokalita in kwistjoni l-vizwali hi limitata hafna, illi jirralenta, jieqaf u jistenna sakemm id-dawl jerga jibdel ghal ahdar. Hi tara li s-sewqan da parti tal-konvenut kien imprudenti minhabba n-nuqqas ta’ kawtela u prudenza da parti tieghu. In rigward Daniel Bartolo ma ingiebet ebda prova li setghet tindika illi dan saq il-quddiem bid-dawl ahmar jew b’xi mod negligenti u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-istess incident.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ammont ta’ danni pretiz mill-attur, oltre li ssir referenza ghad-dokumenti minn fol 2 sa fol 15 tal-atti ghandu jinghad ukoll illi ma ingiebet ebda prova in kontestazzjoni tal-istess ammont pretiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba traskuragni fis-sewqan da parti tal-istess konvenut.
2. tillikwida l-ammont globali ta' danni fis-somma ta' Lm2240.09,0 u;
tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm1970.09 u lill-attur Martin Bartolo, is-somma ta' Lm250.00,0 mill-ewwel (1) ta' Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 2002, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------